

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 238

ta' l-Unjoni Ewropea

Volum 50

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

10 ta' Ottubru 2007
Avviż Nru

Werrej

Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

Kummissjoni

2007/C 238/01	Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE — Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet ⁽¹⁾	1
2007/C 238/02	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.4905 — WL Ross/C&A Automotive Interior Businesses II) ⁽¹⁾	5
2007/C 238/03	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.4793 — Lafarge/Etex/Gyplac JV) ⁽¹⁾	5
2007/C 238/04	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.4750 — Luvata/Eco) ⁽¹⁾	6
2007/C 238/05	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.4821 — CVC/Taminco) ⁽¹⁾	6
2007/C 238/06	Bidu ta' proċeduri (Każ COMP/M.4747 — IBM/Telelogic) ⁽¹⁾	7

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

Kummissjoni

2007/C 238/07	Rata tal-kambju ta' l-euro	8
---------------	----------------------------------	---

MT

V Avviżi

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Kummissjoni

2007/C 238/08	Sejħa għall-Proposti — “Appoġġ għal miżuri ta’ informazzjoni relatati mal-politika agrikola komuni” — L-implimentazzjoni ta’ miżuri speċifiċi taħt it-titolu tal-baġit 05 08 06 għall-2008	9
---------------	--	---

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

Kummissjoni

2007/C 238/09	Avviż ta’ l-iskadenza ta’ ċerti miżuri pendenti kontra <i>d-dumping</i>	20
2007/C 238/10	Avviż ta’ l-iskadenza ta’ ċerti miżuri kontra <i>d-dumping</i>	21

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Kummissjoni

2007/C 238/11	Notifika minn qabel ta’ konċentrazzjoni (Każ COMP/M.4935 — Petronas/Selenia) — Każ li jista’ jiġi kkunsidrat għall-proċedura simplifikata ⁽¹⁾	22
---------------	--	----

Avviż

⁽¹⁾ Test b’relevanza għaż-ŻEE

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

KUMMISSJONI

Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/C 238/01)

Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni	13.6.2007
Nru ta' l-għajnuna	NN 132/2000 (ex N 813/A/99) u NN 73/03
Stat Membru	Il-Belġju
Reġjun	—
Titlu (u/jew isem il-benefiċjarju)	Régime d'exemption des cotisations sociales des marins employés dans les secteurs du transport et du dragage maritime
Bażi ġuridika	—
Tip ta' miżura	Spejjeż ta' l-operat
Għan	Konservazzjoni u titjib ta' għarfien marittimu kif ukoll il-protezzjoni u l-promozzjoni ta' impjiegi għall-baħrin Ewropej
Forma ta' l-għajnuna	Eżenzjoni diretta
Baġit	3,9 miljun EUR fis-sena
Intensità	—
Tul ta' żmien	10 snin (2003-2012)
Setturi ekonomiċi	Trasport marittimu u tħammil marittimu
Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna	Ministère des Affaires Sociales, Eurostation II Victor Hortaplein 40/20 B-1060 Bruxelles
Tagħrif ieħor	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni	10.7.2007
Numru ta' referenza ta' l-ghajjnuna	N 510/05
L-Istat Membru	Il-Polonja
Reġjun	—
Titlu (u/jew isem il-benefiċjarju)	Zwolnienie z opodatkowania infrastruktury portowej
Bażi ġuridika	Decyzje organów lokalnych dotyczące zwolnień z podatku od nieruchomości
Tip ta' miżura	Eżenzjoni mit-taxxa
Għan	Infrastruttura ġenerali
Forma ta' ghajjnuna	Miżura li ma tikkostitwix ghajjnuna
Baġit	Mhux magħruf minn qabel
Intensità	Miżura li ma tikkostitwix ghajjnuna
Tul ta' żmien	Bla limitu
Setturi ekonomiċi	Infrastruttura tal-portijiet
Isem u indirizz ta' l-awtorità konċessjonarja	Organy lokalne w Polsce
Tagħrif ieħor	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni	10.7.2007
Numru ta' referenza ta' l-ghajjnuna	N 352/06
L-Istat Membru	Spanja
Reġjun	—
Titlu (u/jew isem il-benefiċjarju)	Ayudas a la industria del carbón — Artículo 7 del Reglamento (CE) nº 1407/2002
Bażi ġuridika	Orden por la que se aprueban las bases reguladoras de las ayudas por costes laborales mediante bajas incentivadas y de las ayudas destinadas a compensar los costes derivados del cierre de unidades de producción de empresas mineras de carbón, para los ejercicios 2006-2010 Real Decreto por el que se establece el régimen de ayudas por costes laborales mediante prejubilaciones, destinadas a cubrir cargas excepcionales vinculadas a planes de racionalización y reestructuración de la actividad de las empresas mineras del carbón
Tip ta' miżura	Skema ta' l-ghajjnuna
Għan	Ghajjnuna biex tkopri spejjeż eċċezzjonali
Forma ta' l-ghajjnuna	Għotja diretta

Baġit	2 921 002 000 EUR
Intensità	—
Tul ta' żmien	2006-2012
Setturi ekonomiċi	Is-settur tal-faħam
Isem u indirizz ta' l-awtorità konċessjonarja	El Instituto para la Reestructuración de la Minería del Carbón y Desarrollo Alternativo de las Comarcas Mineras Sociedad Estatal de Participaciones Estatales (S.E.P.I.)
Tagħrif ieħor	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni	30.7.2007
Numru ta' referenza ta' l-għajjnuna	N 95/07
Stat Membru	Il-Ġermanja
Reġjun	Sachsen-Anhalt
Titlu (u/jew isem il-benefiċjarju)	Verlängerung der Beihilferegelung zur Förderung von Investitionen zum Erwerb, Erhalt, Bau und Ausbau von Eisenbahninfrastrukturen im Land Sachsen-Anhalt
Bażi ġuridika	Förderrichtlinie des Landes, Par. 44 Landeshaushaltsordnung, Haushaltsgesetz des Landes
Tip ta' miżura	Skema ta' għajjnuna
Għan	Li tippromwovi l-qlib modali mit-trasport fit-toroq għal dak ferrovjarju
Forma ta' l-għajjnuna	Għotjiet
Baġit	4 miljun EUR
Intensità	50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli
Tul ta' żmien	2007-2011
Setturi ekonomiċi	It-trasport
Isem u indirizz ta' l-awtorità konċessjonarja	Landesverwaltungsamt Sachsen-Anhalt Halle, Deutschland
Tagħrif ieħor	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni	23.8.2007
Għajnuna Nru	N 287/07
Stat Membru	L-Irlanda
Reġjun	—
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Business Expansion Scheme (BES), incorporating the Seed Capital Scheme (SCS)
Il-bażi legali	The Taxes Consolidation Act 1997 (Sections 488-508), as amended by the Finance Act 2007
It-tip tal-miżura	Skema ta' għajnuna
L-għan	Kapital ta' riskju
Il-forma ta' l-għajnuna	Vantaġġ fiskali
L-Estimi	Baġit annwali: 45 miljun EUR; Baġit globali: 315 miljun EUR
L-intensità	—
It-tul ta' żmien	1.8.2007-31.12.2013
Setturi ekonomiċi	Is-setturi kollha
Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna	The Revenue Commissioners, Dublin Castle, Dublin 2, Ireland
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

Ebda oppoizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata
(Każ COMP/M.4905 — WL Ross/C&A Automotive Interior Businesses II)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/C 238/02)

Fis-26 ta' Settembru 2007, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

- mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (<http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/>). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali.
- F'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32007M4905. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea. (<http://eur-lex.europa.eu>)

Ebda oppoizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata
(Każ COMP/M.4793 — Lafarge/etex/Gyplac JV)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/C 238/03)

Fit-3 ta' Settembru 2007, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab fuq Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

- mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (<http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/>). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali.
- F'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32007M4793. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea. (<http://eur-lex.europa.eu>)

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Każ COMP/M.4750 — Luvata/Eco)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 238/04)

Fit-3 ta' Awwissu 2007, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

- mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (<http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/>). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali.
- F'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32007M4750. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea. (<http://eur-lex.europa.eu>)

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Każ COMP/M.4821 — CVC/Taminco)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 238/05)

Fl-24 ta' Awwissu 2007, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab fuq Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

- mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (<http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/>). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali.
- F'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32007M4821. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea. (<http://eur-lex.europa.eu>)

Bidu ta' proċeduri
(Każ COMP/M.4747 — IBM/Telelogic)
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2007/C 238/06)

Fit-3 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni iddeċidiet li tibda proċeduri fil-każ ta' hawn fuq wara li sabet li l-konċentrazzjoni nnotifika tqajjem dubji serji dwar il-kompatibilità tagħha mas-suq komuni. Il-bidu tal-proċeduri jiftaħ it-tieni fażi ta' investigazzjoni fir-rigward tal-konċentrazzjoni nnotifikata, u jsir mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni finali dwar il-każ. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004.

Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati sabiex jissottomettu lill-Kummissjoni l-osservazzjonijiet li jstgħu jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Sabiex l-osservazzjonijiet jiġu kkunsidrati bis-sħiħ fil-proċedura, dawn għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux iktar tard minn 15-il jum wara d-data tal-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jstgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-fax (nru tal-fax (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, bin-numru ta' referenza COMP/M.4747 — IBM/Telelogic, fl-indirizz li ġej:

Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej
DG Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
Rue Joseph II/Jozef II-straat 70
B-1000 Brussell

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA'
L-UNJONI EWROPEA

KUMMISSJONI

Rata tal-kambju ta' l-euro ⁽¹⁾**Id-9 ta' Ottubru 2007**

(2007/C 238/07)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju	
USD	Dollaru Amerikan	1,4037	RON Leu Rumen	3,3538
JPY	Yen Ġappuniż	164,54	SKK Krona Slovakka	33,577
DKK	Krona Daniża	7,4521	TRY Lira Turka	1,6679
GBP	Lira Sterlina	0,69185	AUD Dollaru Awstraljan	1,569
SEK	Krona Żvediża	9,163	CAD Dollaru Kanadiż	1,3869
CHF	Frank Żvizzeru	1,6669	HKD Dollaru ta' Hong Kong	10,892
ISK	Krona Iżlandiża	85,17	NZD Dollaru tan-New Zealand	1,8466
NOK	Krona Norveġiża	7,7055	SGD Dollaru tas-Singapor	2,0687
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	KRW Won tal-Korea t'Isfel	1 289,37
CYP	Lira Ċiprijotta	0,5842	ZAR Rand ta' l-Afrika t'Isfel	9,6537
CZK	Krona Ċeka	27,483	CNY Yuan ren-min-bi Ċiniż	10,5516
EEK	Krona Estona	15,6466	HRK Kuna Kroata	7,3395
HUF	Forint Ungeriż	250,18	IDR Rupiah Indoneżjan	12 738,58
LTL	Litas Litwan	3,4528	MYR Ringgit Malażjan	4,7677
LVL	Lats Latvjian	0,7049	PHP Peso Filippin	62,184
MTL	Lira Maltija	0,4293	RUB Rouble Russu	35,174
PLN	Zloty Pollakk	3,7508	THB Baht Tajlandiż	44,104

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

KUMMISSJONI

SEJĦA GĦALL-PROPOSTI

“Appoġġ għal miżuri ta’ informazzjoni relatati mal-politika agrikola komuni”

L-implimentazzjoni ta’ miżuri speċifiċi taħt it-titolu tal-baġit 05 08 06 għall-2008

(2007/C 238/08)

1. DAĦLA

Din is-sejħa għall-proposti hija bbażata fuq ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 814/2000 tas-17 ta’ April 2000 dwar il-miżuri ta’ tagħrif li għandhom x’jaqsmu mal-politika komuni agrikola [politika agrikola komuni] ⁽¹⁾ li jiddefinixxi t-tip u l-kontenut tal-miżuri li l-Komunità tista’ tiffinanzja. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2208/2002 ⁽²⁾, emendat bir-Regolament (KE) Nru 1820/2004 ⁽³⁾, jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 814/2000.

Dan jispeċifika s-suġġetti u l-miżuri ta’ prijorità u t-termini ta’ l-għeluq għas-sottomissjoni ta’ l-applikazzjonijiet u għall-bidu tal-miżuri konċernati.

Din hija sejħa għall-proposti għall-iffinanzjar ta’ miżuri speċifiċi ta’ informazzjoni biss, kif speċifikat fl-Artikolu 2(1b) tar-Regolament (KE) 814/2000, minn approprjazzjonijiet fil-baġit ta’ l-2008. Kif speċifikat fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 2208/2002, l-applikanti għal dawn il-miżuri għandhom ikunu persuni legali li jkunu konstitwiti legalment fi Stat Membru għal mill-inqas sentejn.

2. IL-PRIJORITAJIET U L-GĦANIJET GĦALL-2008

2.1. Il-Prijoritajiet

Taħt din is-sejħa għall-proposti, l-Kummissjoni tixtieq tagħti prijorità lil:

⁽¹⁾ ĠUL 100, 20.4.2000, p. 7.
⁽²⁾ ĠUL 337, 13.12.2002, p. 21.
⁽³⁾ ĠUL 320, 21.10.2004, p. 14.

— il-komunikazzjoni lill-pubbliku ġenerali tal-politika agrikola komuni riformata (PAK) u l-enfażi tagħha fuq id-diżakkoppjament, il-konformità bejn l-Istati differenti u l-iżvilupp rurali bħala kontribuzzjoni għall-impjiegi, il-kompetittività, it-ktabir u l-istabbiltà fl-UE-27;

— id-diskussjoni mal-partijiet interessati fl-agrikoltura u l-pubbliku ġenerali fiż-żoni rurali ta’ l-opportunitajiet u l-benefiċċji li joffru ż-żewġ prinċipji fundamentali tal-PAK għas-settur agrikolu u għall-iżvilupp ibbilanċjat tar-reġjuni rurali;

— il-komunikazzjoni lill-pubbliku ġenerali tal-PAK riformata bħala kontribuzzjoni essenzjali sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-Komunità fin-negozjati internazzjonali tal-kummerċ;

— it-tqajim tal-kuxjenza tal-pubbliku ġenerali dwar il-PAK (inkluż tad-dimensjoni ta’ żvilupp rurali tagħha) fi Stati Membri fejn skond l-aħħar stħarriġ ta’ l-Eurobarometer ⁽⁴⁾ il-kuxjenza tal-pubbliku ġenerali dwar il-PAK hija taħt il-medja b’mod sinifikanti (taħt it-30 %). Dawn l-Istati Membri huma: il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, Spanja, l-Ungerija, il-Latvja, Malta u r-Rumanija;

— il-komunikazzjoni tar-rwol multi-funzjonali tal-bdiewa ta’ l-EU u l-benefiċċji tagħhom lis-soċjetà ċivili b’mod ġenerali u lill-partijiet interessati fl-agrikoltura u lill-pubbliku ġenerali;

— id-diskussjoni ta’ l-iżviluppi possibbli tal-PAK fuq terminu medju u twil ta’ żmien mal-partijiet interessati fl-agrikoltura u l-pubbliku ġenerali.

⁽⁴⁾ Eurobarometer Speċjali nru 276: L-Ewropej, l-Agrikoltura u l-Politika Agrikola Komuni, p. 14.

2.2. Il-messaġġi li jridu jiġu komunikati

Il-Kummissjoni tixtieq tirċievi applikazzjonijiet għal miżuri ta' informazzjoni li jiffukaw fuq is-suġġetti li ġejjin:

- Il-PAK riformata tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli tas-settur agrikolu, issaħħaħ l-orjentazzjoni tas-suq tagħha u b'hekk issaħħaħ il-kompetittività tagħha.
- Il-PAK tfittex li tippromwovi agrikoltura responsabbli u sostenibbli li tilħaq l-aspettazzjonijiet taċ-ċittadini u tas-soċjetà lil hinn mill-konfini stretti ta' l-agrikoltura. Il-PAK tirrikonoxxi u tippromwovi r-rwol tal-bdiewa bħala produtturi ta' ikel ta' kwalità iżda wkoll bħala fornituri ta' oġġetti pubbliċi li ma jistgħux jiġu provduti biss mis-suq: il-preservazzjoni ta' struttura ekonomika u soċjali haġja fiż-żoni rurali, il-ħarsien ambjentali u l-preservazzjoni tal-pajsaġġi.
- Il-PAK trawwem politika ta' żvilupp rurali li tappoġġja t-tkabbir u l-ħolqien ta' impjiegi f'żoni rurali — kemm fi ħdan kif ukoll lil hinn mis-settur agrikolu b'tali mod li tkun imsaħħa l-istruttura ekonomika, soċjali u ambjentali taż-żoni rurali tagħna.
- Il-PAK tappoġġja agrikoltura kompetittiva u innovattiva li twieġeb għall-ħtiġijiet tas-swieq internazzjonali. Fl-istess ħin, il-fatt li qed jitfaċċa qasam ta' parteċipazzjoni ugwali fuq livell internazzjonali huwa wkoll favorevoli għall-progress ekonomiku u soċjali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.
- Ir-rwol ta' l-agrikoltura fir-rigward tal-bidla fil-klima u l-kontribuzzjoni tal-bijomassa fit-twettiq ta' mappa tat-toroq għall-enerġija tal-Kummissjoni. Dawn l-azzjonijiet jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli ta' l-enerġija tal-bijomassa mill-injam, l-iskart u minn żrieragħ agrikoli għat-tisħin, l-elettriku u t-trasport, u joffru opportunitajiet ġodda għall-bdiewa u s-sidien tal-foresti.
- Ir-riforma ta' l-Organizzazzjoni tas-Suq Komuni għas-settur tal-frott u l-ħxejjex tinkoraġġixxi s-sħubija fi u l-effettività ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi u għandha l-għan li tinkoraġġixxi iżjed konsum ta' frott u ħxejjex, b'mod partikolari fost it-tfal.
- Ir-riforma li ġejja ta' l-Organizzazzjoni tas-Suq Komuni għall-inbid hija maħsuba fuq il-bażi ta' l-għanijiet ġenerali tal-PAK riformata. Din ir-riforma għandha l-għan li tiżgura futur sostenibbli għas-settur ta' l-inbid fuq perjodu twil ta' żmien.

Se jkun fidejn l-applikanti biex juru liema kanal jew kanali ta' komunikazzjoni jaħsbu li huma l-aktar xierqa f'dan il-qasam għal kwistjonijiet partikolari u għal udjenzi partikolari ta' mira, u għaliex. Huma mitluba wkoll li jissottomettu Pjan tal-Midja għall-proġetti proposti tagħhom, li għandhom jinkludu dettalji ta' l-implimentazzjoni tal-proġett, it-twassil tal-messaġġ u l-mod kif se titkejjel l-effettività. Meta jippreparaw l-applikazzjonijiet, l-applikanti huma mitluba li jagħtu attenzjoni partikolari għall-Pjan tal-Midja.

2.3. It-tipi ta' miżuri

Taħt din is-sejħa għall-proposti, il-Kummissjoni tixtieq li tirċievi applikazzjonijiet għat-tipi ta' miżuri li ġejjin:

- Kampanji sħaħ ta' informazzjoni li jinkludu diversi tipi ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni (pereżempju, azzjonijiet li jikkombinaw il-preżenza fil-fieri ma' konferenzi u produzzjonijiet awdjoviziwi).
- Seminars mobbli li jsiru fil-kampanja.
- Programmi tat-televiżjoni u r-radju (bħal dokumentarji, programmi ta' diskussjoni, eċċ.).
- Azzjonijiet immirati lejn l-iskejjel u l-universitajiet.
- Konferenzi u seminars, b'mod speċjali f'żoni rurali.
- Żjajjar ta' skambju ta' informazzjoni, b'mod speċjali bejn Stati Membri antiki u ġodda.
- Workshops f'żoni rurali li jkollhom l-għan ta' multiplikaturi ta' informazzjoni għall-bdiewa u l-benefiċjarji potenzjali tal-miżuri ta' żvilupp rurali.
- Postijiet ta' informazzjoni f'fieri agrikoli li jkunu jipprevedu l-preżenza ta' uffiċjali tal-Kummissjoni li jqassmu materjal ta' informazzjoni provdut mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet nazzjonali.
- Tipi oħra ta' miżuri, bħal pubblikazzjonijiet u portals fuq l-internet jkunu kkunsidrati biss jekk jitwettqu f'waħda mil-lingwi tat-12-il Stat Membru ġdid.

Il-Kummissjoni se tkun qed tfittex proġetti b'valur għoli miżjud, b'mod partikolari fejn ikunu kombinati attivitajiet differenti ta' informazzjoni biex tinħoloq sinerġija. Pereżempju, f'konferenza jista' jkun hemm il-preżenza tad-delegati, il-konferenza tista' tix-xandar fuq it-televiżjoni f'data aktar tard u l-kwistjonijiet imqajma jiġu ppubblikati u mqassma, rapportati fl-istampa lokali jew reġjonali u mpogoġġja fuq l-internet.

2.4. L-udjenzi ta' mira

L-udjenzi ta' mira għall-proġetti taħt din is-sejħa għall-proposti huma:

- il-pubbliku ġenerali fl-UE 27;
- il-pubbliku ġenerali fiż-żoni rurali;
- il-partijiet interessati fl-agrikoltura, il-bdiewa u benefiċjarji potenzjali oħra tal-miżuri ta' żvilupp rurali.

L-applikanti għandhom juru kif qed jipplanaw li jilhqqu l-udjenzi ta' mira u jekk il-proġetti proposti tagħhom hux se jimmiraw lejn udjenzi f'aktar minn pajjiż wieħed, u jekk iva, b'liema mezzi. Il-Kummissjoni se tagħti prijorità lil miżuri li jindirizzaw il-pubbliku ġenerali.

3. ID-DEFINIZZJONIJIET

Taħt din is-sejħa għall-proposti se jkunu permessi biss applikazzjonijiet għal miżuri speċifiċi ta' informazzjoni kif speċifikati fl-Artikolu 2(1b) tar-Regolament (KE) 814/2000.

Miżura speċifika ta' informazzjoni hija avveniment indipendenti u koerenti ta' informazzjoni organizzat fuq il-bażi ta' baġit uniku. L-attivitajiet inklużi f'avvenimenti bħal dan jistgħu jvarjaw minn sempliċi konferenza għal kampanja komprensiva ta' informazzjoni li tkopri diversi tipi ta' attivitajiet ta' informazzjoni (bħal konferenzi, produzzjonijiet awdjoviżivi u *workshops* mobbli) mwettqa f'diversi reġjuni jew saħansitra f'diversi Stati Membri. Fil-każ ta' kampanji ta' din ix-xorta, l-attivitajiet differenti previsti għandhom ikunu marbuta ma' xulxin, ikunu ċari fl-approċċ konċettwali tagħhom u r-riżultati li jridu jinkisbu u l-iskedi tal-ħidma għandhom ikunu realistiki u xierqa għall-għanijiet tal-proġett. Il-miżuri għandhom jitwettqu fl-UE-27 u jirrispettaw il-limiti ta' żmien spjegati fil-punt 4 ta' hawn taħt.

4. IT-TUL TA' ŻMIEN U L-BAĠIT

Din is-sejħa għall-proposti tikkonċerna miżuri speċifiċi ta' informazzjoni li jridu jiġu implimentati (inklużi l-preparazzjoni, l-implimentazzjoni, is-segwitu u l-valutazzjoni) bejn l-1 ta' Ġunju 2008 u l-31 ta' Mejju 2009.

Il-baġit totali previst li hu disponibbli għat-twettiq tal-miżuri taħt din is-sejħa għall-proposti huwa ta' 2 800 000 EUR. Dan l-ammont se jitqassam fost il-miżuri li jitqiesu ta' l-ogħla kwalità, kif deskritt fil-punt 2 ta' l-Anness III. Il-Kummissjoni tirriserva d-dritt li tnaqqas dan l-ammont totali disponibbli, kif ukoll li tagħti parti minnu biss. L-ammont ta' konċessjoni mitlub mill-Kummissjoni għandu jkun ta' bejn 12 500 EUR u 100 000 EUR għal kull miżura speċifika.

L-ispejjeż eliġibbli huma definiti fl-Anness IV. Il-kontribuzzjoni min-naħa tal-Kummissjoni lill-miżuri magħżula hija limitata għal 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli minbarra l-ispejjeż ta' l-istaff. Flimkien ma' dan l-ammont, se jingħata ammont b'rata fissa għall-ispejjeż ta' l-istaff. Għal miżuri ta' interess eċċezzjonali, dan jista' jitle' għal 75 %. Miżura tiġi rikonoxxuta bħala ta' interess eċċezzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 2208/2002 jekk:

- (1) titwettaq f'wieħed mill-Istati Membri elenkati fil-punt 2.1 u tkun tindirizza l-pubbliku ġenerali;
- (2) tkun ta' kwalità teknika u kost-effiċjenza għoljin;
- (3) il-pjan ta' disseminazzjoni tagħha jkun tali li jiggarantixxi d-disseminazzjoni ta' l-informazzjoni lill-ikbar udjenza possibbli.

Miżura tkun proposta għal għotja b'rata ogħla minn 50 % jekk tingħata mill-inqas 75 punt minn 100 mill-kumitat tal-valutazzjoni għall-kriterji ta' l-għotja (1) sa (4) kif stabbiliti fil-punt 2, Anness III.

Mhux permess l-ebda finanzjar minn qabel għall-miżuri li jkunu ngħataw għotja taħt din is-sejħa għall-proposti. L-għażla ta' applikazzjoni ma tobbligax lill-Kummissjoni li tagħti l-ammont

sħiħ mitlub mill-applikant. L-għotja fl-ebda ċirkostanza ma tista' taqbeż l-ammont mitlub.

5. ISTRUZZJONIJIET ĠENERALI GĦAS-SOTTOMISSJONI TA' APPLIKAZZJONIJIET

5.1. Kif tħejji applikazzjoni

Kull applikant jista' japplika għal miżura speċifika waħda biss għal kull sena baġitarja.

L-applikazzjonijiet iridu jsiru bl-użu tal-formoli xierqa disponibbli fl-indirizz ta' l-internet li ġej:

http://ec.europa.eu/comm/agriculture/grants/capinfo/index_en.htm

L-applikanti jistgħu jiktbu l-applikazzjoni tagħhom bi kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Komunità. Madankollu, sabiex il-proċessar ta' l-applikazzjoni tagħhom ikun faċilitat u jsir iktar malajr, l-applikanti huma mħeġġa li jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom bl-Ingliż jew Franċiż. Jekk dan ma jkunx possibbli, l-applikanti għandhom għall-inqas jinkludu deskrizzjoni tal-miżura speċifika bl-Ingliż jew bil-Franċiż.

L-applikazzjoni għandha tinkludi d-dokumenti li ġejjin:

- L-ittra ta' applikazzjoni li ssemmi t-titolu tal-miżura ta' informazzjoni proposta u l-ammont ta' konċessjoni mitlub, iffirmata mir-rappreżentant awtorizzat legalment fi ħdan l-organizzazzjoni li tkun qed tapplika;
- Il-formoli Nru 1 (informazzjoni dwar l-applikant), Nru 2 (informazzjoni dwar l-imsieħba — jekk applikabbli), Nru 3 (informazzjoni dwar il-fornituri/subkuntratturi — jekk applikabbli) u Nru 4 (deskrizzjoni dettaljata tal-miżura speċifika) ta' l-applikazzjoni;
- L-infiq dettaljat u t-tabella tad-dħul tal-baġit tal-miżura proposta li jkunu mimlija kif xieraq u ffirmati mir-rappreżentant awtorizzat legalment fi ħdan l-organizzazzjoni li tkun qed tapplika;
- (jekk applikabbli) Deskrizzjoni tal-miżura bl-Ingliż jew bil-Franċiż, jekk l-applikazzjoni tkun saret b'lingwa oħra li ma tkunx l-Ingliż jew il-Franċiż;
- Id-dokumenti addizzjonali kollha li jidhru fl-Anness I (id-dokumenti A sa I).

5.2. Meta u lil min trid tintbagħat l-applikazzjoni

L-applikanti għandhom jibagħtu kopja waħda ta' l-applikazzjoni sħiħa tagħhom sat-30 ta' Novembru 2007 bil-posta reġistrata li tkun tinkludi għarfien li l-applikazzjoni ġiet riċevuta (il-marka tal-posta fuq l-envelopp taqdi ta' prova tad-data ta' meta ġiet mibgħuta) lill-indirizz li ġej:

European Commission
Unit AGRI. K.1
Call for proposals 2007/C 238/08
For attention Mr H.-E. Barth
L130 4/148A
B-1049 Brussels

L-applikazzjoni trid tkun mibgħuta ġo envelop issiġilat, li jkun impoġġi ġewwa envelop ieħor issiġilat ukoll. Fuq l-envelop ta' ġewwa jrid jitniżżel l-isem tad-dipartiment lejn min huwa indirizzat kif ukoll il-kliem "Call for Proposals — Not to be opened by the mail service (Sejħa għall-Proposti — Ma jistax jinfetħ mis-servizz tal-posta)". Jekk jintużaw envelops "self-adhesive" dawn għandhom jkunu issigilati bit-tape u jkollhom il-firma ta' min jibgħathom, minn naħa għall-oħra tat-tape.

Fl-istess ħin, u mhux aktar tard minn 24:00h (Ħin ta' Brussel) fit-30 ta' Novembru 2007, l-applikanti għandhom jibgħatu kopja elettronika ta' l-applikazzjoni tagħhom li tinkludi verżjoni elettronika ta' l-ittra tal-applikazzjoni, il-formoli 1-4 u il-budget, identiċi għall-dawk mibgħuta bil-posta, f'dan l-indirizz:

AGRI-GRANTS-APPLICATIONS-ONLY@ec.europa.eu

Hija responsabbiltà ta' l-applikanti li jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom b'mod sħiħ u sat-terminu ta' l-għeluq. L-applikazzjonijiet mibgħuta wara t-terminu ta' l-għeluq jiġu rifjutati bħala mhux ammissibbli.

6. IL-PROCĊEDURA U L-ORARJU

6.1. Ir-riċeviment u r-reġistrazzjoni ta' l-applikazzjonijiet

Il-Kummissjoni tirreġistra l-applikazzjoni tiegħek u tibgħatlek konferma tar-riċeviment tagħha bil-posta elettronika bin-numru assenjat għall-applikazzjonijiet tiegħek fi żmien 15-il ġurnata mit-terminu tas-sottomissjoni.

6.2. L-eżami ta' l-ammissibbiltà u l-eliġibbiltà ta' l-applikazzjonijiet u l-eżami tal-baġits ta' l-applikazzjonijiet

Kumitat ta' valutazzjoni *ad-hoc* iwettaq l-eżami ta' l-ammissibbiltà u l-eliġibbiltà ta' l-applikazzjonijiet. **L-applikazzjonijiet li ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fl-Anness II ma jintlaq-għux.**

Sussegwentement il-kumitat jeżamina l-eżattezza u s-sħuħija tal-baġits ta' l-applikazzjonijiet eliġibbli abbażi tal-kriterji li ġejjin:

Il-baġit tal-miżuri proposti għandu:

- jinkludi kemm partijiet ta' l-infiq kif ukoll tad-dħul;
- ikun iffirmat kemm fil-partijiet ta' l-infiq kif ukoll f'dawk tad-dħul;
- ikollu d-dħul u n-nefqa fil-bilanċ. Il-parti tan-nefqa tal-baġit għandha turi b'mod ċar l-ispejjeż li huma eliġibbli għall-iffinanzjar kif indikat fl-Anness IV;
- jindika l-kalkoli u l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati użati għat-tweqqiegħ;
- ikun ippreżentat mingħajr VAT jekk l-applikant ikun soġġett għall-VAT u intitolat li jnaqqsu;

- jirrispetta l-iskala mfassla mill-Kummissjoni (disponibbli fl-indirizz ta' l-internet imsemmi fil-punt 5.1) u jinkludi l-informazzjoni kollha neċessarja fil-każ ta' sottokuntrattar;
- jinkludi fil-parti tad-dħul il-kontribuzzjoni diretta mill-applikant, il-finanzjar mitlub mill-Kummissjoni, u (jekk applikabbli) dettalji ta' kwalunkwe kontribuzzjoni minn fornituri oħra ta' finanzjar, kif ukoll id-dħul kollu ġenerat mill-proġett, inkluż, fejn xieraq, il-miżati mħallsa mill-parteċipanti.

L-applikazzjonijiet kollha ammissibbli u eliġibbli jingħataw aċċess għall-fażi li jmiss tal-valutazzjoni.

6.3. L-eżami tal-kapaċità teknika u finanzjarja ta' l-applikanti

Matul din il-fażi l-kumitat ta' valutazzjoni jeżamina l-kapaċità teknika u finanzjarja ta' l-applikanti eliġibbli fuq il-bażi ta' l-informazzjoni provduta fl-applikazzjoni skond il-kriterji deskritti fl-Anness III (1). Jekk jiġi f'dubju, il-kumitat jista' jitlob informazzjoni addizzjonali mingħand l-applikanti.

L-applikazzjonijiet kollha li jgħaddu din il-fażi jingħataw aċċess għall-fażi li jmiss (il-valutazzjoni fid-dawl tal-kriterji ta' l-għotja).

6.4. Il-valutazzjoni ta' l-applikazzjonijiet fid-dawl tal-kriterji ta' l-għotja

Matul din il-fażi, il-kumitat jivvaluta l-applikazzjonijiet fid-dawl tal-kriterji ta' l-għotja spjegati fl-Anness III (2). L-applikazzjonijiet li jirċievu mill-inqas 60 punt mill-100 disponibbli (u mill-inqas 50 % tal-punti disponibbli għal kull kriterju) biss ikunu proposti għal għotja mill-kumitat ta' valutazzjoni. Li miżura tirċievi 60 mill-100 punt disponibbli madankollu ma jiggwarantix li l-miżura se tingħata l-għotja. Il-Kummissjoni tista' tgħolli r-rata minima aċċettabbli fid-dawl tan-numru ta' aplikazzjonijiet ta' suċċess u tar-riżorsi baġitarji disponibbli.

L-applikazzjonijiet li jirċievu inqas minn 60 mill-100 punt disponibbli jew inqas minn 50 % tal-punti disponibbli għal kull kriterju jiġu miċħuda u l-applikant jirċievi informazzjoni bil-miktub li tipprovdi r-raġunijiet għaċ-ċaħda. Jekk l-għotja mitluba tiġi mogħtija, il-benefiċjarju jirċievi ftehim ta' l-għotja, denominat feuros, li jispeċifika l-kondizzjonijiet u l-livell ta' finanzjar, li jista' jkun inqas mill-ammont mitlub fl-applikazzjoni.

Id-data prevista għall-għeluq tal-proċedura ta' valutazzjoni hija l-31.5.2008. Is-servizzi tal-Kummissjoni m'humiex awtorizzati li jinformaw lill-applikanti dwar l-istat tal-valutazzjoni ta' l-applikazzjoni tagħhom qabel id-deċiżjoni ta' l-għotja. Għal din ir-raġuni, l-applikanti huma mitluba biex ma jċemplux u ma jiktub lill-Kummissjoni dwar ir-riżultat ta' l-applikazzjoni tagħhom qabel id-data prevista msemmija hawn fuq.

7. IL-PUBBLIĊITÀ

Il-benefiċjarji se jkunu taħt obbligu kuntrattwali sabiex jiżguraw, bil-mezzi xierqa kollha u skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim ta' l-għotja, li l-finanzjar mogħti mill-Kummissjoni lill-miżura ta' informazzjoni ikun pubbliċizzat tul il-ħajja tal-miżura u rikonoxxut fi kwalunkwe pubblikazzjoni u materjal pubbliċitarju permanenti jew kontinwu sussegwenti għall-miżura u li l-unika responsabbiltà fuq il-kontenut tal-miżura jkun fidejn l-awtur tal-komunikazzjoni jew tal-pubblikazzjoni, u li l-Kummissjoni ma tkunx responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir bl-informazzjoni inkluża fih. L-evidenza ta' din il-pubbliċità trid tiġi inkluża fir-rapporti tekniċi finali ta' implimentazzjoni.

Jekk l-organizzazzjoni benefiċjarja ma tkunx konformi ma' l-obbligu msemmi qabel, il-Kummissjoni tiriserva d-dritt li

tnaqqas l-ammont ta' l-għotja allokata lill-miżura konċernata jew li tiċħad kompletament il-ħlas ta' l-għotja lill-benefiċjarju.

8. IL-PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI

Il-Kummissjoni Ewropea tiżgura li kwalunkwe data personali inkluża fl-applikazzjoni tkun ipproċessata kif jesiġi r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data⁽¹⁾. Dan japplika b'mod partikolari għall-kunfidenzjalità u s-sigurtà ta' tali data.

(¹) ĠUL 8, 12.1.2001, p. 1.

L-ANNEX I

DOKUMENTI ADDIZZJONALI MEĦTIEĠA SABIEX WIEĦED JAPPLIKA GĦAL GĦOTJA

Sabiex ikunu sħaħ, l-applikazzjonijiet għandhom jinkludu (minbarra l-formola ta' applikazzjoni u l-baġit disponibbli mill-indirizz ta' l-internet imsemmi fil-punt 5.1 ta' din is-sejħa għall-proposti) id-dokumenti addizzjonali kollha li ġejjin. L-applikanti għandhom jiżguraw li d-dokumenti jkunu mehmuża fl-ordni ppreżentat hawn taħt.

Dokument	Deskrizzjoni	Kummenti
Dokument A	Karta ta' identifikazzjoni ta' entità legali (u d-dokumenti kollha relatati li jsostunha).	Għall-applikanti kollha. Il-mudell huwa disponibbli fl-indirizz ta' l-internet imsemmi fil-punt 5.1 ta' din is-Sejħa għall-Proposti.
Dokument B	Karta ta' identifikazzjoni finanzjarja.	Għall-applikanti kollha. Il-mudell huwa disponibbli fl-indirizz ta' l-internet imsemmi fil-punt 5.1 ta' din is-Sejħa għall-Proposti.
Dokument C	L-Artikoli ta' assoċjazzjoni (statuti).	Għall-applikanti kollha li m'humiex entitajiet pubbliċi.
Dokument D	Silta reċenti mir-reġistrazzjoni ta' l-applikant fir-reġistru professjonali provduta taħt il-leġiżlazzjoni ta' l-Istat Membru fejn ikun stabbilit, jew kwalunkwe document uffiċjali ieħor (bħal ġurnal uffiċjali jew reġistru tal-kumpaniji) li juri biċ-ċar l-isem u l-indirizz ta' l-applikant u d-data ta' reġistrazzjoni.	Għall-applikanti kollha.
Dokument E	Kopja tad-dokument ta' reġistrazzjoni tal-VAT	Għall-applikanti kollha. Jekk il-VAT ma tkunx tinġabar lura, l-applikant għandu jehmeż ċertifikat mill-awtorità tal-VAT li jikkonferma dan kollu.
Dokument F	Karti tal-bilanċ u kontijiet tal-qligħ u t-telf ta' l-aħħar sentejn finanzjarji li għalihom ġew magħluqa l-kontijiet, jew kwalunkwe dokument ieħor (bħal ċertifikat tal-bank) li jipprovi s-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-applikant u l-kapaċità tiegħu li jżomm l-attività matul il-perjodu li fih tkun qed titwettag il-miżura.	Mhux meħtieġ għall-entitajiet pubbliċi.
Dokument G	Curriculum vitae ta' l-istaff li se jwettag il-preparazzjoni, l-implimentazzjoni, is-segwitu u l-valutazzjoni tal-miżura proposta.	Għall-applikanti u l-imsieħba kollha.
Dokument H	Prova tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn fornituri oħra ta' fondi (inklużi l-imsieħba) għall-miżura proposta (li għandha tikkonsisti f'mill-inqas attestat uffiċjali ta' finanzjar minn kull wieħed mill-fornituri previsti li jsemmi t-titolu tal-miżura u l-ammont li jkun se jiġi kontribwit).	Jekk applikabbli.
Dokument I	Fejn l-applikant ikollu l-ħsieb li juża fornituri/subappaltaturi u fejn l-ammont tas-servizzi kollha li jkunu jridu jiġu mwettqa minn wieħed mill-fornituri/subappaltaturi jkun jaqbeż EUR 10 000, l-applikant ikollu jippreżenta mill-inqas tliet offerti, mitluba minn 3 kumpaniji differenti u jehmeż l-offerta magħżula. L-applikanti jridu juru li l-fornitur/subappaltatur magħżul jirrapreżenta l-aħjar valur għall-flus u għandhom jiġġustifikaw l-għażla fejn l-offerta magħżula ma tkunx l-irħas waħda u jimlew il-formola Nru 3 ta' l-applikazzjoni (informazzjoni dwar fornituri/subappaltaturi).	Jekk ma tkunx diġà disponibbli fil-mument ta' l-applikazzjoni, din l-informazzjoni għandha tiġi provduta fil-mument tas-sottomissjoni tar-rapporti tekniċi u finanzjarji finali ta' l-implimentazzjoni wara t-tmiem tal-miżura. Jekk dan ma jseħx, l-ispejjeż konċernati jitqiesu bħala ineliġibbli. Jekk xi subappaltatur ma jkunx ġie magħżul fil-mument ta' l-applikazzjoni, il-formola Nru 3 trid madankollu timtela u mill-inqas tiddekkriwi s-servizzi li se jiġu subappaltati u l-ammont konċernat.

L-ANNEX II

IL-KRITERJI TA' AMMISSIBILTÀ, ELIĠIBILTÀ, U ESKLUŻJONI**1. IL-KRITERJI TA' AMMISSIBILTÀ U ELIĠIBILTÀ****(a) Il-kriterji ta' eliġibbiltà li jikkonċernaw l-applikant:**

- L-applikant irid ikun persuna kostitwita legalment fi Stat Membru għal mill-inqas sentejn. Dan irid jintwera b'mod ċar fl-applikazzjoni u fid-dokumenti li jsostnuha. L-applikanti li ma jkunux kostitwiti legalment fi Stat Membru għal mill-inqas sentejn, jew li jonqsu milli juru dan, jiġu skwalifikati.

(b) Il-kriterji ta' ammissibbiltà li jikkonċernaw l-applikazzjoni:

L-applikazzjonijiet taħt din is-sejħa għall-proposti għandhom jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

- Għandhom ikunu sottomessi mhux aktar tard mill-30 ta' Novembru 2007 (bil-marka tal-posta fuq l-envelopp tinżamm bħala prova tad-data meta ġiet mibgħuta);
- Għandhom isiru bl-użu tal-formoli oriġinali disponibbli biex jtnizzlu mill-indirizz ta' l-internet imsemmi fil-punt 5.1 għall-applikazzjoni u l-baġit;
- Għandhom jinkitbu b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Komunità;
- L-ittra ta' l-applikazzjoni għandha ssemmi t-titolu tal-miżura u l-ammont ta' għotja mitluba u għandha tkun iffirmita mir-rappreżentant awtorizzat legalment fi ħdan l-organizzazzjoni li tkun qed tapplika;
- L-applikanti jistgħu biss jissottomettu applikazzjoni waħda għal kull sena baġitarja.

L-applikazzjonijiet kollha li ma jissodisfawx waħda jew iktar mill-kriterji ta' hawn fuq se jiġu awtomatikament miċ-ħuda bħala mhux ammissibbli.

(ċ) Il-kriterji ta' eliġibbiltà li jikkonċernaw l-applikazzjoni:

- Din għandha tinkludi d-dokumenti kollha elenkati fl-Anness I ta' din is-sejħa għall-proposti;
- L-ammont ta' l-għotja mitluba mill-Kummissjoni (inkluż l-ammont b'rata fissa għall-ispejjeż ta' l-istaff) għandu jkun ta' bejn 12 500 EUR u 100 000 EUR;
- Id-dati tal-miżura ta' informazzjoni proposta għandhom ikunu bejn l-1.6.2008 u l-31.5.2009.
- Dawn li ġejjin mhumiex eliġibbli:
 - Miżuri rikjesti bil-liġi;
 - Miżuri li jirċievu finanzjar tal-Komunità minn linja baġitarja oħra;
 - Miżuri li jagħmlu l-qlich;
 - Assemblej ġenerali jew laqgħat statutorji.

L-applikazzjonijiet kollha li ma jissodisfawx il-kriterji ta' hawn fuq se jiġu miċ-ħuda bħala mhux eliġibbli.

2. IL-KRITERJI TA' ESKLUŻJONI

Il-Kummissjoni se teskludi l-applikanti kollha li jsibu ruħhom f'waħda mis-sitwazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2208/2002 u fl-Artikoli 93(1) u 94 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002 applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej). L-applikanti jridu jiddikjaraw fuq l-unur li m'humiex f'waħda mis-sitwazzjonijiet ta' hawn fuq (ara l-ittra ta' applikazzjoni disponibbli fl-indirizz ta' l-internet fil-punt 5.1 ta' din is-sejħa għall-proposti). Skond l-analiżi tal-ġestjoni tar-riskji, il-Kummissjoni tista' titlob evidenza addizzjonali. L-applikanti li jinstabu haġja ta' dikjarazzjonijiet foloz jistgħu jkunu soġġetti għal pieni amministrattivi u finanzjarji.

L-ANNEX III

IL-KRITERJI TA' L-GĦAŻLA U TA' L-GĦOTJA

1. IL-KRITERJI TA' L-GĦAŻLA

Sabiex jagħtu prova tal-**kapaċità teknika** tagħhom, l-applikanti għandhom juru li:

- għandhom il-ħiliet tekniċi neċessarji ta' rilevanza diretta għall-preparazzjoni, l-implimentazzjoni, is-segwitu u l-valutazzjoni tat-tip ta' miżura proposta;
- għandhom mill-inqas sentejn esperjenza fit-trattament tas-suġġett(i) propost(i).

Sabiex jagħtu prova tal-**kapaċità finanzjarja** tagħhom, l-applikanti għandhom juru li:

- s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom hija b'saħħitha biżżejjed biex iżżomm l-attività tagħhom matul il-perjodu li fih tkun qed titwettaq il-miżura.

Il-kapaċità teknika u finanzjarja ta' l-applikanti se tkun ġudikata fuq il-bażi ta' l-informazzjoni provduta mill-applikanti fl-applikazzjoni. Il-Kummissjoni tista', madankollu, titlob informazzjoni addizzjonali. L-applikanti huma mfakkra li l-Kummissjoni mhux se tagħti l-ebda finanzjament minn qabel għal miżuri li jingħataw għotja taħt din is-sejħa għall-proposti. L-applikanti se jkollhom jgħorru l-ispiża totali tal-miżura. L-għotja tal-Kummissjoni se titħallas biss wara l-approvazzjoni tar-rapport tekniku u finanzjarju finali ta' implimentazzjoni mressaq mill-benefiċjarji wara t-tmiem tal-miżura.

2. IL-KRITERJI TA' L-GĦOTJA

Kull miżura se tkun valutata mill-kumitat ad-hoc fid-dawl tal-kriterji li ġejjin:

- (1) (massimu ta' 25 punt) Ir-rilevanza u l-interess ġenerali tal-miżura jridu jiġu kkunsidrati, b'mod partikolari, fid-dawl ta':
 - kemm l-għanijiet u l-kontenut tal-miżura jkunu konformi ma' l-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 814/2000 u l-prijoritajiet u l-oġġettivi stabbiliti fis-sejħa għall-proposti (15-il punt),
 - il-kwalità sħiħa tal-proposta. Il-proposti tal-proġett għandhom ikunu ċari fl-approċċ kunċettwali tagħhom u fir-riżultati li jridu jinkisbu. Id-deskrizzjoni ta' l-azzjoni u l-messaġġi għandhom ikunu preċiżi u r-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi ta' l-applikant u ta' kull imsieħeb għandhom ikunu ċari. Il-programm tal-miżura għandu jkun dettaljat. L-iskeda tal-ħidma għandha tkun realistika u adattata għall-għanijiet tal-proġett (10 punti).
- (2) (massimu ta' 25 punt) Il-valur miżjud totali tal-proposta jrid jiġi kkunsidrat, b'mod partikolari, fid-dawl ta':
 - il-pajjiżi koperti mill-miżura. Se tingħata preferenza lill-miżuri li jindirizzaw udjenzi f'fiktur minn Stat Membru wieħed u/jew li jindirizzaw il-pubbliku ġenerali fl-Istati Membri msemmija fil-punt 2.1 ta' din is-sejħa għall-proposti (10 punti),
 - in-numru u r-rappreżentanza ta' l-organizzazzjonijiet — li ma jinkludux lis-subappaltaturi — involuti fit-tfassil, l-implimentazzjoni u t-tixrid tal-miżura (5 punti),
 - Il-kwalità finanzjarja tal-proposta. Il-proposti għandhom juru li l-miżura se toffri valur tajjeb għall-appoġġ finanzjarju mitlub mill-Kummissjoni u li se tkun ta' benefiċċju għall-ispejjeż involuti (10 punti).
- (3) (massimu ta' 25 punt) L-impatt tal-miżura u l-politika ta' disseminazzjoni magħżula se jkunu valutati, b'mod partikolari, fid-dawl ta':
 - Id-dimensjoni, il-kwalità u r-rappreżentanza ta' l-udjenza ta' mira (inklużi l-benefiċjarji indiretti) f'dak li għandu x'jaqsam mat-tip ta' miżura. (10 punti),
 - il-ħila ta' l-applikant u ta' l-imsieħba li jiżguraw segwitu effettiv u jxerrdu r-riżultati miksuba u l-kanali ta' disseminazzjoni użati (b'mod partikolari l-istampa, ir-radju u t-televiżjoni, l-internet, it-tqassim dirett) u r-rwol tagħhom fil-miżura (15-il punt),
- (4) (massimu ta' 25 punt) Il-valutazzjoni tal-miżura se tkun ikkunsidrata, b'mod partikolari, fid-dawl ta':
 - il-motivazzjoni ta' l-interess mistenni tal-miżura u l-valutazzjoni tar-riżultati wara t-twettiq tal-miżura (15-il punt),
 - it-tekniki użati (stħarriġ, kwestjonarji, statistiċi, eċċ) sabiex jitkejjel l-impatt tal-messaġġi mibgħuta (10 punti).

Il-miżuri se jitqiesu ta' l-ogħla kwalità u se jkunu proposti għal għotja mill-kumitat ta' valutazzjoni jekk jirċievu mill-inqas 60 mill-100 punt allokat għalihom fil-kriterji (1) sa (4) kif deskritt hawn fuq, u jkollhom mill-inqas 50 % tal-punti disponibbli għal kull kriterju. Il-Kummissjoni tista' tgħolli r-rata minima aċċettabbli fid-dawl tar-riżorsi ta' baġit disponibbli. Jekk joġġbok innota li d-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni li tagħti l-għotja tista' tkun differenti mill-proposta maħruġa mill-kumitat ta' valutazzjoni.

L-ANNEX IV

L-ISPEJJEŻ ELIĠIBBLI

(1) Biex ikunu eliġibbli, l-ispejjeż iridu:

- (a) jiġu direttament u esklussivament mill-miżura (il-preparazzjoni, l-implimentazzjoni, is-segwitu u l-valutazzjoni) u jkunu essenzjali għall-implimentazzjoni tal-miżura;
- (b) ikunu raġonevoli u ġustifikati u għandhom ikunu jaqblu mal-prinċipji ta' amministrazzjoni finanzjarja b'saħħitha, b'mod partikolari fit-termini ta' valur għall-flus u ta' benefiċċju għall-flus involuti;
- (ċ) ikunu ġew effettivament minfuqa, jiġifieri sostnuti b'dokumenti oriġinali ta' sostenn (ara t-tabella fil-punt (3) ta' hawn taħt) u bil-provi rispettivi tal-pagament, ikunu reġistrati fid-dokumenti tal-kontijiet jew tat-taxxa tal-benefiċjarju u jkunu jistgħu jiġu identifikati u verifikati.

Fejn l-ispejjeż eliġibbli jkunu direttament koperti minn fornitur ieħor tal-fondi, dan għandu jkun speċifikat fil-parti tad-dħul tal-baġit bikri u tal-baġit finali taħt "Kontribuzzjonijiet oħra" u konfermat bil-miktub mill-fornitur tal-fondi kif speċifikat fl-Anness I;

Fejn l-applikant ikollu l-ħsieb li juża fornituri/subappaltaturi u fejn l-ammont tas-servizzi kollha li jridu jiġu mwettqa minn fornitur/subappaltatur wieħed jaqbz 10 000 EUR, l-applikant ikollu jippreżenta mill-inqas tliet offeriti mitluba minn mill-inqas 3 kumpaniji differenti, jehmeż l-offerta magħżula u r-raġuni ta' din l-għażla. Dawn id-dokumenti jridu jiġu mehmuża mar-rapport tekniku u finanzjaru finali. Jekk dan ma jsirx, il-Kummissjoni tkun intitolata li tqis dawk l-ispejjeż bħala mhux eliġibbli.

(d) Iseħħu matul il-perjodu determinat għat-tul ta' żmien tal-miżura kif speċifikat fil-ftehim ta' l-għotja. Huwa mifhum li kwalunkwe spiża minfuqa qabel ma jkun iffirmat il-ftehim hija fir-riskju ta' l-applikant u mhux se tkun torbot legalment jew finanzjarjament lill-Kummissjoni;

(e) ikunu provduti fil-baġit bikri.

(2) Dawn li ġejjin m'humiex eliġibbli:

- kontribuzzjonijiet f'oġġetti;
- spejjeż mhux speċifikati jew b'rata fissa, ħliet fil-każijiet partikolari msemmija f'din is-sejħa għall-proposti;
- spejjeż indiretti (kera, elettriku, ilma, gass, assigurazzjoni, taxxi, eċċ.);
- spejjeż ta' materjal ta' l-uffiċċju (bħal karti, oġġetti li wieħed isib f'kartolerija, eċċ.);
- spejjeż ta' kapital investit, riservi kontinġenti, interessi fuq djun li wieħed irid iħallas, telf bir-rati tal-kambju, għotjiet u spejjeż f'oġġetti ta' lussu;
- spejjeż li jirriżultaw mix-xiri ta' apparat ġdid jew diġà użat;
- VAT li titnaqqas;
- spejjeż mhux provduti fil-baġit bikri.

(3) Id-dispożizzjonijiet speċifiċi relatati ma' l-ispejjeż eliġibbli u d-dokumenti ta' sostenn meħtieġa

Kategorija tan-nefqa	Eliġibbli	Dokumenti ta' sostenn meħtieġa
L-ispejjeż ta' l-istaff	1) Impjegati Jekk l-ispiża totali ta' l-azzjoni (bl-esklużjoni ta' l-ispejjeż ta' l-istaff) tkun ta' l fuq minn 15 000 EUR: se titħallas rata fissa ta' massimu ta' 10 000 EUR, li tinkludi l-ispejjeż ta' l-istaff għall-preparazzjoni, l-implimentazzjoni, is-segwitu u l-valutazzjoni. Jekk l-ispiża totali ta' l-azzjoni (bl-esklużjoni ta' l-ispejjeż ta' l-istaff) tkun inqas jew ugwali għal 15 000 EUR: se titħallas rata fissa ta' massimu ta' 5 000 EUR, li tinkludi l-ispejjeż ta' l-istaff għall-preparazzjoni, l-implimentazzjoni, is-segwitu u l-valutazzjoni.	M'huma meħtieġa l-ebda dokumenti ta' sostenn biex intkiseb ir-rata fissa. Madankollu għal skopijiet ta' analiżi, il-benefiċjari se jintalbu jehmżu dokument li jindikar l-ispejjeż reali ta' l-istaff marbuta mal-miżura.
	2) Impjegati indipendenti	Fattura li tindika għall-inqas it-titolu tal-miżura, in-natura tax-xogħol imwettaq u d-dati ta' meta sar ix-xogħol.

Kategorija tan-nefqa	Eliġibbli	Dokumenti ta' sostenn meħtieġa
L-ispejjeż tat-trasport	1) Bil-ferrovija L-ispiża ta' l-ivvjaġġar fit-tieni klassi bl-użu ta' l-iqsar rotta ⁽¹⁾ .	Il-biljett
	2) Bl-ajru Il-ħlas ta' l-ibbukkar u l-ispiża tal-vjaġġ bl-ajru fi klassi ekonomiku, bl-użu ta' l-irfhas tariffa disponibbli (APEX, PEX, Excursion, eċċ.)	— Il-biljett jew reġistrazzjoni elettronika onlajn (inkluż il-prezz), — Il-biljett użat tat-tluġ fuq l-ajruplan. Il-biljett tat-tluġ għandu jindika l-isem, id-data, il-post tat-tluq u d-destinazzjoni. — Jekk applikabbli, il-fattura ta' l-aġenzija ta' l-ivvjaġġar.
	3) Kowċ, lanċa u mezzi oħra pubbliċi ta' trasport ⁽²⁾ Vjaġġar bejn l-ibliet permezz ta' l-iqsar rotta	Fattura li tindika għall-inqas il-post tat-tluq u dak tal-wasla, in-numru ta' passiġġieri u d-dati ta' l-ivvjaġġar.
	4) Karozza privata jew mikrija ⁽³⁾ Għal vjaġġ ta' ritorn sa 300 kilometru, tingħata konċessjoni ta' 0,25 EUR għal kull kilometru.	Trid tiġi preżentata dikjarazzjoni ffirmata ("Dikjarazzjoni ta' Vjaġġ bil-Karozza") bl-użu tal-mudell oriġinali li jista' jitniżżel mill-indirizz ta' l-internet imsemmi fil-punt 5.1 ta' din is-Sejħa għall-Proposti.
L-akkomodazzjoni u l-ikel	1) Għal persuni li joqogħdu flukanda: konċessjoni waħda kuljum ⁽⁴⁾ għal kull lejl (li tinkludi l-akkomodazzjoni u l-ikel għal 24 siegħa). Ir-rata tal-konċessjoni ta' kuljum tinstab fil-indirizz ta' l-internet imsemmi fil-punt 5.1 ta' din is-Sejħa għall-Proposti.	Biex il-konċessjoni ta' kuljum tkun rimbor-sata, irid jiġi preżentat il-kont tal-lukanda. Dan il-kont għandu jindika l-isem tal-persuna, id-dati u n-numru ta' l-ijeli. Jekk il-kont ikun għal grupp, għandha tingħata l-istess informazzjoni.
	2) Għall-persuni li ma joqogħdux flukanda: 1/2 konċessjoni ta' kuljum għal kull 24 sena (inkluż l-akkomodazzjoni u l-ikel). L-ammont totali ta' konċessjoni-jiet ta' kuljum huwa kalkolat kif ġej:	Biex il-konċessjoni tiġi rimbor-sata, trid tiġi preżentata dikjarazzjoni ta' kull parteċipant ("Dikjarazzjoni tal-parteċipant") bl-użu tal-mudell oriġinali li jista' jitniżżel mill-indirizz ta' l-internet imsemmi fil-punt 5.1 ta' din is-Sejħa għall-Proposti.
	$(\frac{1}{2} \text{ il-konċessjoni ta' kuljum} \times \text{numru ta' sığħat}) / 24 \text{ siegħa}$	
	In-numru ta' sığħat huwa kalkolat mill-bidu sat-tmiem tal-waqfa fil-post.	
L-interpretazzjoni	1) Impjegati: l-ispejjeż għall-impjegati huma inklużi fir-rata fissa massima li tit-ħallas taħt il-kategorija "spejjeż ta' l-istaff".	M'huma meħtieġa l-ebda dokumenti ta' sostenn.
	2) Impjegati indipendenti: sa ammont massimu ta' 600 EUR għal kull ġurnata (esklużi il-VAT).	Fattura li tindika mill-inqas it-titolu tal-miżura, il-lingwi li minnhom u fihom ġiet provduta l-interpretazzjoni, id-dati ta' meta twettaq ix-xogħol, u n-numru ta' sığħat maħ-duma.
It-traduzzjoni	1) Impjegati: l-ispejjeż għall-impjegati huma inklużi fir-rata fissa massima li tit-ħallas taħt il-kategorija "spejjeż ta' l-istaff".	M'huma meħtieġa l-ebda dokumenti ta' sostenn.
	2) Impjegati indipendenti: sa ammont massimu ta' 45 EUR għal kull paġna (esklużi il-VAT).	Fattura li tindika mill-inqas it-titolu tal-miżura, il-lingwi li minnhom u fihom ġiet provduta t-traduzzjoni, u n-numru ta' paġni tradotti.

Kategorija tan-nefqa	Eliġibbli	Dokumenti ta' sostenn mehtëġa
Il-miżati tal-konsulenti u l-kelliema ⁽⁵⁾	Sa ammont massimu ta' 600 EUR għal kull ġurnata (eskluzja l-VAT).	Fattura li tindika mill-inqas it-titolu tal-miżura, in-natura tax-xogħol imwettaq, u d-dati ta' meta sar ix-xogħol. L-ispejjeż ta' l-akkomodazzjoni, l-ikel u t-trasport: jekk jogħġbok irreferi għal dawn il-kategoriji ta' nefqa.
Il-kiri ta' sali għall-konferenzi u apparat	NB: Il-kiri ta' kmamar żgħar għal interpretazzjoni simultanja huwa limitat għal ammont massimu ta' 750 EUR kull ġurnata (eskluzja l-VAT).	Fattura li tindika mill-inqas it-titolu tal-miżura, in-natura ta' l-apparat u d-dati ta' meta ġew mikrija s-sali għall-konferenzi u l-apparat.
L-ispejjeż postali	Is-servizz postali jew ta' kurrier għall-posta ta' dokumenti relatati mal-miżura (bħal inviti, eċċ.)	Fattura dettaljata li ssemmi mill-inqas it-titolu tad-dokumenti u n-numru ta' dokumenti mibgħuta.

- (¹) Fejn tintuża klassi oħra, l-ispejjeż ikunu eliġibbli biss jekk tiġi preżentata dikjarazzjoni mill-kumpanija tat-trasport li tindika l-prezz ta' vjaġġ fit-tieni klassi. F'dan il-każ, l-ispejjeż eliġibbli se jkunu limitati għal dak l-ammont.
- (²) It-tariffi tal-karozzi tal-linja, tal-ferroviji ta' taħt l-art, tat-tramm u tat-taxi m'humiex eliġibbli.
- (³) In-nefqa mġarrba mill-utenti għal petrol, parking, ħlasijiet għall-aċċess tat-toroq u għall-ikel m'hiex eliġibbli. L-ispejjeż tal-kiri tal-karozza m'humiex eliġibbli.
- (⁴) Il-kontijiet ta' ristoranti, il-kontijiet għal forniment ta' ikel u għal brejks għall-kafe' eċċ, mhux se jkunu aċċettati. Dawn l-ispejjeż huma inklużi fil-konċessjoni ta' kuljum.
- (⁵) Il-miżati ta' l-esperti jew tal-kelliema m'humiex eliġibbli fejn il-persuni konċernati jkunu ħaddiema taċ-ċivil nazzjonali, Komunitarji jew internazzjonali jew membri jew impjegati ta' l-organizzazzjoni li tirċievi l-għotja jew ta' organizzazzjoni assoċjata jew affiljata.

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

KUMMISSJONI

Avviż ta' l-iskadenza ta' ċerti miżuri pendenti kontra d-dumping

(2007/C 238/09)

1. Kif previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 ⁽¹⁾ dwar il-ħarsien mill-importazzjoni *dumped* minn pajjiżi li m'humiex membri tal-Komunità Ewropea il-Kummissjoni tawza li sakemm issir reviżjoni skond il-proċedura, il-miżuri kontra d-dumping imsemmija hawn taħt jiskadu fid-data msemmija fit-tabella hawn taħt.

2. Il-Proċedura

Produtturi Komunitarji jistgħu jagħmlu talba bil-miktub għal reviżjoni. Din it-talba jrid ikollha biżżejjed evidenza li turi li l-iskadenza tal-miżuri probabbilment tirriżulta f' kontinwazzjoni jew repetizzjoni ta' dumping u ħsara.

Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tirrevedi l-miżuri kkonċernati, l-importaturi, l-esportaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż li jesporta u l-produtturi Komunitarji mbagħad jiġu pprovduti bl-opportunità li jsaħħu, jirribattu jew jikkumentaw dwar il-kwistjonijiet li jinsabu fit-talba.

3. Limitu ta' żmien:

Produtturi Komunitarji jistgħu jressqu talba bil-miktub għal reviżjoni fuq il-bażi msemmija hawn fuq, li trid jasal għand il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ (Taqsim H-1), J-79 5/16, B-1049 Brussel ⁽²⁾ fi kwalunkwe żmien mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż preżenti iżda mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data msemmija fit-tabella hawn taħt.

4. Dan l-avviż huwa pubblikat skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 384/96.

Prodott	Pajjiż(i) ta' l-oriġini jew ta' l-esportazzjoni	Miżuri	Referenza	Data ta' l-iskadenza
Fittings ta' tubi u pajpijiet, tal-ħadid jew ta' l-azzar	Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina It-Tajlandja It-Tajwan	Dazju anti-dumping	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 964/2003 (ĠU L 139, 6.6.2003, p. 1) kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1496/2004 (ĠU L 275, 25.8.2004, p. 1) u estiż biex jirrigwarda ċ-Ċina għal importazzjonijiet ikkunsinnjati mill-Indonesja mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2052/2004 (ĠU L 355, 1.12.2004, p. 4) u importazzjonijiet ikkunsinnjati mis-Sri Lanka mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2053/2004 (ĠU L 355, 1.12.2004, p. 9) u importazzjonijiet ikkunsinnjati mill-Filippini mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 655/2006 (ĠU L 116, 29.4.2006, p. 1).	7.6.2008

⁽¹⁾ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1) Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

⁽²⁾ Telefax : (32-2) 295 65 05.

Avviż ta' l-iskadenza ta' ċerti miżuri kontra d-dumping

(2007/C 238/10)

B'referenza għall-pubblikazzjoni ta' avviż ta' skadenza imminenti ⁽¹⁾, liema avviż ma wassal għal ebda talba sostanzjata kif għandu jkun għal reviżjoni, il-Kummissjoni tavża li l-miżuri *anti-dumping* imsemmija hawn isfel se jiskadu dalwaqt.

Dan l-avviż huwa ppubblikat b'konformità ma' l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjoni *dumped* minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ⁽²⁾.

Prodott	Pajjiż(i) ta' l-oriġini jew ta' l-esportazzjoni	Miżuri	Referenza	Data ta' l-iskadenza
Fibri prinċipali tal-poliester	Il-Belarus	Dazju <i>anti-dumping</i>	Regolament Tal-Kunsill (KE) Nru 1799/2002 (ĠU L 274, 11.10.2002, p. 1) estiż għall-istoppa tal-filament tal-poliester li toriġina mill-Belarus bl-istess Regolament	12.10.2007

⁽¹⁾ ĠUC 16, 24.1.2007, p. 5.

⁽²⁾ ĠUL 56, 6.3.1996, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠUL 340, 23.12.2005, p. 17).

PROCĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-
KOMPETIZZJONI

KUMMISSJONI

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.4935 — Petronas/Selenia)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għall-proċedura simplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/C 238/11)

1. Fit-2 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha Petroliam Nasional Berhad ("Petronas", il-Malażja) takkwista l-kontroll totali ta' Selenia Group ("Selenia", l-Italja) skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill permezz tax-xiri ta' l-ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— Petronas: operazzjonijiet fiż-żejt u l-gass,

— Selenia: lubrikanti industrijali u tal-vetturi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni jidhrilha li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skond l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament taħt il-proċedura stipulata fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (numru tal-faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, bin-numru ta' referenza COMP/M.4935 — Petronas/Selenia, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea

Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni

Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet

J-70

B-1049 Bruxelles/Brussel

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠUC 56, 5.3.2005, p. 32.

AVVIŻ

Fil-10 ta' Ottubru 2007, fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea C 238 A, se jiġi ppubblikat il-“Katalgu komuni tal-varjetajiet ta' l-ispeċijiet tal-pjanti agrikoli — l-ewwel supplement għas-26 edizzjoni kompluta”.

L-abbonati tal-Ġurnal Uffiċjali jistgħu jiksbu l-istess numru ta' kopji u verżjonijiet lingwistiċi ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali bħal dawk li jiksbu mingħajr ħlas. L-abbonati huma mitluba jirritornaw il-formola mehmuża hawn-hekk, mimlija u bin-numru sħiħ ta' l-abbonament tagħhom (il-kodiċi jidher fuq ix-xellug ta' kull tikketta u jibda: O/.....). Dan il-Ġurnal Uffiċjali se jibqa' disponibbli mingħajr ħlas għal sena mid-data ta' meta jiġi ppubblikat.

Non-abbonati jistgħu jordnaw dan il-Ġurnal Uffiċjali bi ħlas f'wieħed mill-uffiċini ta' bejgħ tagħna (ara http://publications.europa.eu/others/sales_agents_mt.html).

Dan il-Ġurnal Uffiċjali — bħall-Ġurnali Uffiċjali kollha (L, C, CA, CE) — jistgħu jiġu kkonsultati mingħajr ħlas online FUQ <http://eur-lex.europa.eu>.

FORMOLA GĦALL-ORDNI

Office for Official Publications of the European Communities

Subscription Department
2, rue Mercier
L-2985 Luxembourg
Fax (352) 29 29-42752

In-numru tar-reġistrazzjoni tiegħi huwa: O/.....

Jekk jogħġbok ibgħatli ... kopji mingħajr ħlas tal-**Ġurnal Uffiċjali C 238 A/2007** li għalihom jiena intitolat skond l-abbonament tiegħi.

Isem:

Indirizz:

Data: Firma: